MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 712/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Darryl Luke Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Darryl Luke Borg,** ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben il-mejjet Anthony u Joan neé Mifsud, imwieled Pieta', nhar is-6 ta' Gunju 1986, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 261086M u residenti gewwa 142, Farina, Flat 1, Triq il-Bwieraq, Birkirkara, akkuzat talli fil-

21 ta’ Marzu 2013 ghal habta tad-21:00hrs gewwa Triq il-Bwieraq, Birkirkara:

1. ikkommetta serq ta’ kartiera u ta’ tmenin Euro (€ 80.00) liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza u dan ghad-detriment ta’ Shonery Spiteri minn Marsaxlokk;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioé lil Shonery Spiteri u Nadine Mifsud biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu 222(1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lill haddiehor hekk biza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

3. kiser ordni tal-Qorti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. E. Grima LL.D.) wara li huwa gie misjub hati fit-22 ta’ Jannar 2013.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Shonery Spiteri u Nadine Mifsud ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza *ai termini* tal-Artikoli 383, 384 385 u 412D tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie mhallas lura lil Shonery Spiteri.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha li tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti **l-ahhar cans** lill-imputat sabiex jirriforma hajtu

u tinformah li f'kaz li ma jiehux dan ic-cans ikun hemm konsegwenzi serji.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 251B(1), 261(a), 261(f), 262(1) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Darryl Luke Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bil-mod segwenti:

- fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti, taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li dwaru kien inghata *conditional discharge* fit-22 ta' Jannar 2013;

- fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Darryl Luke Borg taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Darryl Luke Borg bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Darryl Luke Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------